**Ruling mogħti minn Mr Speaker fis-Seduta Nru 31 tas-17 ta' Ġunju 2013**

Waqt il-ħin tal-mistoqsijiet meta l-Onor. Mario Galea kien qiegħed jagħmel mistoqsija supplimentari fuq mistoqsija parlamentari tiegħu stess numru 1501 lill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, l-Onor. Galea qal dan id-diskors:

> "Jiena naħseb li taqla' *transfer* vendikattiv u politiku huwa ħażin u li tgħid li dan isir biex wieħed isir ferħan huwa *deceitful* u biex titfa' l-melħ fuq il-ferita".

B'risposta għal dan l-Onor. Marie Louise Coleiro Preca rreaġixxiet billi spjegat x'kienu l-passi li kienu qed jittieħdu biex jindirizzaw xi problemi f'San Vincenz de Paule, u għall-fatt li l-Onor. Mario Galea ma kienx qed jifhem dan, qalet dan id-diskors:

> *"Deceitful* min jipprova jqarraq u jxewwex lin-nies għaliex jekk l-Onor. Interpellant huwa informat sew ħadd ma ntbagħat jaħsel, anke min il-kariga tiegħu hija tal-ħasil. .... Jiġifieri aħna issa mmorru kontra l-mandat elettorali għax l-Onor. Galea ħadha fuqu jagħmel kruċjata jxewwex lin-nies?".

Meta ntqal dan id-diskors qam il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Simon Busuttil, fejn talab lis-Sedja hekk:

> "Nixtieq li l-Onor. Ministru tikkjarifika jekk hijiex qed takkuża lill-Onor. Galea li qed ixewwex lin-nies għax fil-każ nitlob *ruling*".

Hawnhekk l-Onor. Marie Louise Coliero Preca talbet ukoll *ruling* dwar l-użu tal-kelma "*deceitful*" fil-konfront tagħha mill-Onor. Mario Galea. Għal dan l-Onor. Simon Busuttil insista u nikkwota:

> "Ninsisti li l-Ministru tispjega, tikkjarifika jew tirtira l-kliem fil-konfront tal-Onor. Galea.".

B'risposta, l-Onor. Coleiro Preca qalet li ma kienet se tirtira l-ebda kliem qabel ma jiġi rtirat il-kliem li ntqal fil-konfront tagħha. Hawnhekk il-Ministru offriet lill-Onor. Galea biex b'mod kunfidenzjali jagħtiha l-ismijiet tal-persuni li kien qed jirriferi għalihom ħalli tikkuntattjahom anke immedjatament ħalli l-kwestjoni tiġi kkjarifikata.

Wara dan l-intervent tal-Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni reġa' talab lis-Sedja, u nikkwota:

> "Huwa inaċċettabbli li Ministru f'din il-Kamra tuża kliem dispreġjattiv kif għamlet fil-konfront tal-Onor. Mario Galea speċjalment meta hija l-istess Ministru responsabbli mit-*transfers* vendikattivi li qed isiru f'St Vincent de Paule. Għaldaqstant, Sur President, nixtieq nitolbok *ruling* dwar dan il-każ.".

Kien hawnhekk li l-Onor. Joe Mizzi talab lill-Kap tal-Oppożizzjoni jiġi nnejmjat għaliex, u nikkwota:

> "... skont l-i*Standing Orders* ma tistax tagħmel dak li għadu kemm għamel il-Kap tal-Oppożizzjoni".

L-Onor. Mario de Marco talab lis-Sedja u ħa nikkwota:

> "Sur President, kif indika l-Kap tal-Oppożizzjoni qed nitlob *ruling* abbażi tal-artiklu 60 tal-i*Standing Orders* tal-Kamra fejn jingħad u nikkwota "Ebda Membru m'għandu jużа kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċedura tal-Kamra jew b'riferenza għal xi Membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina m'għandha tiġi attribwita lil xi Membru.", u għalhekk il-kelma 'tixwix' fil-konfront tal-Onor. Galea tmur kontra *Standing Order* 60."

Hawnhekk is-Sedja talbet jekk hemmx aktar rimarki u l-Onor. Marie Louise Coleiro Preca talbet lis-Sedja biex skont l-istess *Standing Order* li kien għadu kif ikkwota l-Onor. Mario de Marco tagħti *ruling* fil-konfront tal-Onor. Mario Galea u nikkwota:

> "... u nitolbok tisma' x'intqal fuq l-aġġettivi li tani llejla." .

M’hemmx dubju li l-kliem li qed jiġu indikati mill-Onor. Membri li dwarhom is-Sedja ntalbet tagħti *ruling* kienu ‘ixewwex’ jew ‘tixwix’ jew kif qalitha l-Onor. Coleiro Preca ‘ixewwex u jqarraq bin-nies’ u mbagħad il-kliem li kienu qegħdin jiġu indirizzati lilha “Jiena naħseb li taqla’ *transfer* vendikattiv u politiku huwa ħażin u li tgħid li dan isir biex wieħed isir ferħan huwa *deceitful* u biex titfa’ l-melħ fuq il-ferita”.

Imbagħad għandna l-kliem li ntuża mill-Kap tal-Oppożizzjoni fejn irrefera għall-Onor. Ministru li kienet hi li kienet responsabbli mit-*transfers* vendikattivi li kienu qegħdin isiru f’St Vincent de Paule fejn hawnhekk l-Onor. Joe Mizzi talab li jiġi *named* l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni.

Kemm fid-deċiżjoni li diġà tat is-Sedja dwar il-kelma ‘xewwex’ kif ukoll minn deċiżjonijiet oħra li ttieħdu minn presidenti tal-Kamra preċedenti, il-kelma ‘tixwix’ mhijiex kelma li għandha tkun aċċettabbli bħala kliem parlamentari. Tant hu hekk li fid-deċiżjoni li ngħatat fis-seduta 387 tat-23 ta’ April 1980 meta nstemgħet il-kelma ‘tixwix’ waqt id-*debate*, is-Sedja kienet ordnat li dik il-kelma għandha titħassar mid-*debate*. Fil-fatt is-Sedja kienet qalet hekk, u nikkwota:

> “Kull fejn l-Onor. Falzon semma l-kelma ‘tixwix’ b’referenza għall-Ministru din il-kelma u kull referenza għaliha għandhom jitħassru mid-*debates*”.

Fir-rigward tal-kelma ‘*deceitful’* li ntqalet mill-Onor. Mario Galea wieħed isib li t-tifsira tagħha bl-Ingliż hija “*acting to deceive others, that is, deliberately mislead or misrepresent the truth*”. Din il-kelma wkoll mhijiex aċċettabbli fil-lingwa parlamentari għax din il-kelma qiegħda tagħmel referenza għal persuna li tkun qiegħda deliberatament tqarraq u ma tkunx qiegħda tirrappreżenta l-verità. Il-kelma ‘*vindictive*’ tfisser ‘*having or showing a strong or unreasoning desire for revenge*’ u allura dak l-aġġettiv ikun qiegħed jiġi attribwit lil min ikun qiegħed jagħmel dik l-azzjoni. ‘*Revenge’* tista’ tfisser ukoll “*retaliation for an injury or wrong*”. Dan il-kliem kollha huwa kliem li mhuwiex aċċettabbli fil-lingwa parlamentari.

Is-Sedja issa se tara l-mod kif dan il-kliem ġie indikat f’dan id-dibattitu waqt id-domandi parlamentari mill-persuni konċernati, jiġifieri mill-Onor. Mario Galea, mill-Onor. Ministru Marie Louise Coleiro Preca kif ukoll mill-Onor. Kap

tal-Oppożizzjoni meta rrefera għall-Ministru li hija responsabbli mit-*transfers* vendikattivi li qed isiru f'St. Vincent de Paule. M'hemmx dubju li l-ispirtu ta' dan id-dibattitu ma kellux iwassal biex din is-Sedja tissospendi u tagħti dan ir-*ruling* għaliex il-*bon sens* kien jitlob li kulħadd jispjega l-punt tiegħu mingħajr ma jintuża kliem li mhuwiex parlamentari u *se mai* meta jintuża, dak li jkun jispjega ruħu biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm diżgwid bejn il-partijiet. Tant hu hekk li s-Sedja dejjem talbet il-*bon sens* ta' kulħadd speċjalment meta nkunu qegħdin bid-dritt ħieles li wieħed jikkritika l-operat ta' Membru jew ieħor fil-ħidma parlamentari. Però min-naħa l-oħra wieħed għandu joqgħod attent li ma jipprovokax u aktar u aktar ma jużax kliem offensiv fil-konfront ta' xi Membru tal-istess Kamra.

M'hemmx dubju li l-kelma "tixwix" hija kelma offensiva fil-konfront ta' persuna oħra jew li tista' twassal għal dik it-tifsira. Min-naħa l-oħra l-kliem li ntużaw mill-Onor. Mario Galea kif ukoll mill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni wkoll huma kliem li jwasslu biex jattribwixxu lill-persuna tal-Ministru Coleiro Preca li kienet qiegħda taġixxi "*to deceive others*", jiġifieri tqarraq b'ħaddieħor, li ma tirrappreżentax il-verità. Bl-użu tal-kelma "vendikattiv" tkun ukoll qed tindika li jkun hemm intenzjoni li trid tagħmel "*revenge*", li trid tagħmel xi ħaġa li b'mod mhux raġjonevoli. Dawn huma kollha kliem li ċertament mhumiex aċċettabbli fil-lingwa parlamentari meta jsiru d-dibattiti f'din il-Kamra.

Il-Ministru Coleiro Preca meta kienet qiegħda tagħti r-risposta għad-domanda supplimentari fejn kienet qed tispjega l-proċedura u r-riforma li kienet qed ssir fil-konfront tal-impjegati ta' St Vincent de Paule, fost affarijiet oħra, qalet hekk:

> "Dawn ma ntbagħtux jaħslu imma ntbagħtu jagħmlu xogħol klerikali minkejja li l-grad tagħhom mhuwiex klerikali. Imma għax ridna nżommuhom, wara snin li kienu qed jagħmlu ċertu xogħol, biex inżommulhom id-dinjità tagħhom, jien personalment - għax din waslet anke għandi - staqsejt fejn xtaqu jmorru u marru fejn xtaqu.".

Hija kompliet tispjega dan kollu fejn imbagħad qalet:

> "Jiġifieri aħna issa mmorru kontra l-mandat elettorali għax l-Onor. Galea ħadha fuqu jagħmel kruċjata jxewwex lin-nies?"

Meta qalet dan id-diskors ċertament li l-kliem "ixewwex lin-nies", kif poġġiethom il-Ministru Coleiro Preca, ma kenux il-kliem li kellha tuża imma kellha tuża kliem ieħor biex tattribwixxi l-kritika li kien qed jagħmel l-Onor. Membru.

Hekk ukoll meta l-Onor. Mario Galea, waqt li kien qed jistaqsi d-domanda supplimentari lill-Onor. Marie Louise Coleiro Preca qal, u nikkwota:

> "Jien naħseb li meta taqla *transfer* vendikattiv u politiku huwa ħażin u li tgħid li dan isir biex wieħed isir ferħan huwa *deceitful* u biex titfa' l-melħ fuq il-ferita.",

m'hemmx dubju li l-Onor. Galea kien qed jgħid li t-*transfer* li kien qed jirriferi għalih kien wieħed vendikattiv u allura wkoll kien qed jirriferi għall-Ministru li kienet *deceitful* f'dak kollu li kienet qiegħda tagħmel. Għalhekk anke hawnhekk il-kliem magħżul mhuwiex parlamentari għaliex kien qiegħed jiġi attribwit li l-Ministru kienet qed tagħmel xi ħaġa b'mod vendikattiv u aktar u aktar li kienet qed tagħmel l-azzjoni tagħha b'mod *deceitful*. Dan japplika wkoll għall-istess Onor. Simon Busuttil li fil-parti fejn huwa indirizza lis-Sedja u qal, u nikkwota:

> "Sur President, huwa inaċċettabbli li Ministru f'din il-Kamra tuża kliem dispreġjattiv kif għamlet fil-konfront tal-Onor. Mario Galea speċjalment meta hija l-istess Ministru responsabbli mit-*transfers* vendikattivi li qed isiru f'St. Vincent de Paule.".

M'hemmx dubju li l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni kien qed jattribwixxi lill-Ministru Coleiro Preca li kienet hi responsabbli għal transfers li saru f'St Vincent de Paule u li kienu vendikattivi. Hawnhekk l-għażla tal-kelma "vendikattivi" hija wkoll għażla skorretta għax taqa' taħt l-istess definizzjoni li tat aktar kmieni l-istess Sedja.

Dwar il-proċedura ta' *naming* ta' Membru, għalkemm Ordni Permanenti 60 jgħid li:

> "Ebda Membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru.",

meta tiġi għall-proċedura tan-*naming* ta' Membru tal-Kamra fl-Erskine May, fl-edizzjoni 24 paġna 456, taħt is-sezzjoni "*Regarding proceedings on the naming of a member*" jingħad dan li ġej:

> "*When a Member is named by the Speaker for grossly disorderly conduct or for disregarding the authority of the Chair, or for persistently or wilfully obstructing the business of the House by abusing the rules of the House, or otherwise*...".

M'hemmx dubju li hawnhekk m'għandniex sitwazzjoni kif rikjesta fil-proċedura ċitata. Minn dan joħroġ li hawnhekk m'għandniex każ ta' *naming* kif talab l-Onor. Joe Mizzi fil-konfront tal-Kap tal-Oppożizzjoni. Madankollu s-Sedja qiegħda tissoleċita lill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni biex joqgħod attent meta huwa jkun qed jesprimi opinjoni u dan jindikah bħala stat ta' fatt. Dan għaliex anke l-fatt li l-intenzjoni tiegħu kienet waħda jew setgħet kienet waħda dwar x'jaħseb fuq it-*transfers* imsemmija, il-mod kif poġġiha seta' jwassal li wieħed jifhem li dan huwa stat ta' fatt. U għalhekk jekk huwa jinsisti li din mhijiex opinjoni imma huwa stat ta' fatt, għandu jissostanzja dak li qed jgħid. Ladarba ntalbet biss il-proċedura tan-*naming* mill-Onor. Mizzi fil-konfront tal-Kap tal-Oppożizzjoni, is-Sedja fuq dan il-każ se tieqaf hawn.

Jibqa' għalhekk dak li s-Sedja qiegħda tirreferi għalih bħala proċedura tal-ksur ta' privileġġ taħt l-artikolu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113) fir-rigward tal-kliem "deceitful" u "vendikattivi" li ntqalu mill-Onor. Mario Galea, u "kruċjata jxewwex in-nies" li ntqalu mill-Onor. Coleiro Preca.

Sakemm ma jirrenjax il-*bon sens* u l-ispirtu parlamentari f'din il-Kamra, allura s-Sedja qiegħda ssib li hemm *prima facie* każ ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront taż-żewġ Membri msemmija u għalhekk qiegħda titlob lill-partijiet imsemmija, u cjoè lill-Onor. Mario Galea u lill-Onor. Coleiro Preca, biex jirtiraw il-kliem indikati. Fin-nuqqas ta' dan is-Sedja qiegħda tirreferi l-partijiet imsemmija lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi.